



Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9618/23

COPS 269	JAI 656
POLMIL 123	RELEX 639
CYBER 130	JAIEX 22
HYBRID 31	TELECOM 154
EUMC 230	IPCR 38
CIVCOM 144	PROCIV 35
COPEN 162	COTER 101
COSI 103	DISINFO 34
DATAPROTECT 146	CSC 252
IND 256	CSDP/PSDC 402
RECH 191	CFSP/PESC 748

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: ST 9124/23 COPS 224 POLMIL 104 CYBER 113 HYBRID 20 EUMC 210 CIVCOM 111 COPEN 138 COSI 86 DATAPROTECT 129 IND 232 RECH 173 JAI 574 RELEX 563 JAIEX 16 TELECOM 135 IPCR 31 PROCIV 25 COTER 86 DISINFO 28 CSC 216 CSDP/PSDC 349 CFSP/PESC 674

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża

1. Filwaqt li jibni fuq il-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża tal-2014 u l-aġġornament tiegħu fl-2018, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta ambizzjuża dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża biex isir aktar investiment fil-forzi armati moderni u interoperabbli tagħna, it-teknoloġiji mill-aktar avvanzati u l-mezzi ta' ċiberdifiża tal-ogħla livell u biex jissaħħu s-sħubijiet biex jiġu indirizzati sfidi komuni. Iċ-ċiberspazju sar qasam ta' kompetizzjoni strateġika, fi żmien ta' dipendenza dejjem tikber fuq it-teknoloġiji diġitali. Għalhekk, huwa essenzjali li jinżamm ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur. L-użu ta' operazzjonijiet ċibernetiċi li ppermettew u akkumpanjaw il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna jaffettwa l-istabbiltà u s-sigurtà dinjija, jirrappreżenta riskju importanti ta' eskalazzjoni u jżid maż-żieda diġà sinifikanti ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi barra l-kuntest ta' konflitt armat matul dawn l-aħħar snin.
2. Il-gwerra fl-Ukrajna pprovdiet kuntest strateġiku ġdid u kkonfermat il-ħtieġa li l-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħhom ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tal-UE fil-konfront tat-theddid ċibernetiku u jżidu ċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża komuni tagħna kontra mgħiba malizzjuża u atti ta' aggressjoni fiċ-ċiberspazju. Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża tindika d-determinazzjoni tagħna li nipprovdu miżuri immedjati u fit-tul biex niżguraw il-libertà tal-azzjonijiet fiċ-ċiberspazju u r-risponsi għall-atturi tat-theddid li jfittxu, fost oħrajn, li jinterferixxu, ifixklu jew jeqirdu n-networks u s-sistemi tal-informazzjoni tal-UE u s-sħab tagħha. Filwaqt li tikkomplementa l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà u f'konformità mal-Boxxla Strateġika, din il-Komunikazzjoni Konġunta tirrappreżenta pass sinifikanti lejn l-approċċ bi spettro sħiħ tal-UE għar-reżiljenza, ir-rispons, il-prevenzjoni tal-konflitti, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal risponsi adatti u koerenti mill-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħhom, filwaqt li jistenna b'interess ukoll ir-reviżjoni tal-linji gwida ta' implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE bħala pass 'il quddiem ewlieni ieħor fl-evoluzzjoni tal-pożizzjoni ċibernetika tal-UE.

3. Il-Kunsill jenfasizza li l-attakki ċibernetiċi reċenti kontra infrastruttura kritika Ewropea, ix-xenarju tat-theddid ċibernetiku li qed jevolvi b'mod rapidu u l-pass mgħaġġel tal-iżvilupp teknoloġiku juru wkoll il-ħtieġa għal koordinazzjoni u kooperazzjoni ċivili-militari msaħħa, filwaqt li jissottolinja li ma hemm l-ebda ġerarkija bejn il-komunitajiet ċivili u militari. Il-politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jipproteġu, jidentifikaw, jiddefendu u jiskoraġġixxu, billi jagħmlu użu xieraq mill-firxa sħiħa ta' opzjonijiet difensivi disponibbli għall-komunitajiet ċivili u militari għas-sigurtà u d-difiża usa' tal-UE, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.
4. Filwaqt li s-sigurtà nazzjonali, inkluż fil-qasam ċibernetiku, tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, kif innotat fl-Artikolu 4(2) TUE, il-Kunsill sadanittant jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment sostanzjali b'mod individwali u kollaborattiv f'reżiljenza u użu mtejbja tal-mezzi difensivi taċ-ċiberdifiża bi spettru sħiħ u li jittieħed vantaġġ mill-oqfsa ta' kooperazzjoni u l-inċentivi finanzjarji tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jitkomplew jissaħħu l-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (EUIBAs) sabiex jipproteġu l-Unjoni, iċ-ċittadini tagħna, l-EUIBAs u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fiċ-ċyberspazju. Barra minn hekk, huwa jissottolinja l-importanza tar-reżiljenza tal-UE fiċ-ċyberspazju billi jiġu żviluppati l-mezzi taċ-ċiberdifiża u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' ekosistema privata fdata.

I. Naġixxu flimkien għal ċiberdifiża aktar b'saħħitha

5. Il-Kunsill itenni li proċess inkrimentali, trasparenti u inklużiv huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-fiduċja li hija kritika għall-iżvilupp ulterjuri ta' qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet ta-ċibersigurtà, li għandu jsir f'konformità mal-Pjan Direzzjonali dwar il-Ġestjoni ta' Kriżijiet Ċibernetiċi żviluppat fil-Kunsill. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tagħna li niproteġu, nidentifikaw, niddefendu u niskoraġġixxu attakki ċibernetiċi permezz ta' titjib fl-għarfien tas-sitwazzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp ta' mezzi, it-taħriġ, l-eżerċizzji, u t-tisħiħ tar-reżiljenza u billi nipprovdu rispons sod għall-attakki ċibernetiċi kontra l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-EUIBAs, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK bl-użu tal-mezzi xierqa kollha. B'dan il-mod, il-Kunsill ihegġegħ lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jnaqqsu l-kumplessità fil-qasam ta-ċibernetika, jevitaw duplikazzjoni bla bżonn u jiżguraw kooperazzjoni u sinerġiji ma' inizjattivi eżistenti. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni jissaħħu fost l-atturi ta-ċiberdifiża tal-UE u tal-Istati Membri u fi ħdanhom, bejn il-komunitajiet ċibernetiċi militari u ċivili u bejn l-ekosistema pubblika u dik privata fdata. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mħeġġa jesploraw u jsaħħu aktar il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni nazzjonali ċivili-militari, jiffaċilitaw il-kondiviżjoni volontarja komuni tal-informazzjoni, jaqsmu t-tagħlimiet meħuda, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' standards interoperabbli u jwettqu evalwazzjonijiet tar-riskju u bini ta' xenarji tar-riskju, kif ukoll eżerċizzji konġunti b'mod partikolari fil-livell Ewropew, b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (Direttiva NIS2).

6. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi biex tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza tal-Unjoni bid-Direttiva NIS2 u d-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER), il-Kunsill itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar approċċ koordinat fl-UE kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika¹. Huwa jappella għal miżuri biex tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, l-infrastruttura, il-prodotti u s-servizzi diġitali, filwaqt li jinnota li l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva NIS2 tibqa' l-aktar pass importanti. Filwaqt li dan huwa primarjament responsabbiltà ċivili, jikkontribwixxi wkoll għal ċiberdifiża aktar b'saħħitha. F'dan il-kuntest, l-EUIBAs kif ukoll l-Istati Membri huma mħeġġa jappoġġaw l-iżvilupp u l-użu ulterjuri ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ġodda u eżistenti tal-UE, valutazzjonijiet tar-riskju, evalwazzjonijiet u xenarji, kondiviżjoni tal-informazzjoni u eżerċizzji volontarji komuni, b'mod li jżid il-valur u jevita duplikazzjoni bla bżonn ta' inizjattivi eżistenti.
7. Biex tkompli tissaħħaħ il-fiduċja, tiġi kkonsolidata l-kooperazzjoni, u tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni f'waqtha tal-informazzjoni dwar inċidenti ċibernetiċi sinifikanti u fuq skala kbira li jaffettwaw is-sistemi ta' difiża, il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva biex tiġi żviluppata aktar il-Konferenza taċ-Ċiberkmandanti tal-UE li għandha tiġi organizzata minn kull Presidenza tal-Kunsill tal-UE, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u l-parteċipazzjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jieħdu schem f'dawn il-laqgħat. Biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE kontra inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, il-Kunsill jistieden lin-Network tal-UE ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) u l-Konferenza taċ-Ċiberkmandanti tal-UE, jidentifikaw modi possibbli kif jikkooperaw u jibbenefikaw minn perspettiva militari u ċivili konġunta.

¹ Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mill-Unjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, COM/2022/551.

8. Biex jitrawwem rispons aktar robust u koordinat fil-livell tal-UE, il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tan-Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (MICNET) u jistenna b'interess li tintlaħaq il-kapaċità operazzjonali inizjali tiegħu sa nofs l-2024 biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni ta' informazzjoni teknika dwar inċidenti ċibernetiċi li jaffettwaw is-sistemi ta' difiża fost l-Istati Membri parteċipanti. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri kollha jipparteċipaw fil-MICNET sabiex tiġi żgurata l-effettività tan-network. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda min-Network ta' Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti Relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) u jhegġegħ bil-qawwa biex jinħoloq mekkaniżmu effettiv ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn iż-żewġ networks fi żmien xieraq, b'rispett sħiħ għall-mekkaniżmi ta' governanza u l-kostitwenti ta' kull entità.
9. Fid-dawl taż-żieda ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi minn atturi Statali u mhux Statali fuq missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE, il-Kunsill jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha saħħu l-mezzi tagħhom biex jiddefendu u jipproteġu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-oġettivi biex isir aktar progress fil-protezzjoni tan-networks u l-istrutturi militari tal-UE, f'konformità fost l-oħrajn mal-Viżjoni u l-Istrateġija Militari tal-UE dwar iċ-Ċiberspazju bħala Qasam tal-Operazzjonijiet².

² EEAS(2021) 706 REV4

10. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2022³ u jtenni l-ħtieġa li ninvestu fl-assistenza reċiproka tagħna skont l-Artikolu 42(7) TUE kif ukoll il-klawżola ta' solidarjetà skont l-Artikolu 222 TFUE. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza ta' approfondiment ulterjuri tal-fehim komuni, fost l-UE u l-Istati Membri tagħha, tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7), inkluż f'xenarji kumplessi li jinvolvu attakk ċibernetiku, b'mod konsistenti mal-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali. Huwa jilqa' l-possibbiltà, fuq it-talba espliċita tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), ta' appoġġ mill-UE meta jseħħ attakk ċibernetiku, mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.
11. Il-Kunsill jissottolinja l-progress miksub fil-proġett tal-PESCO rigward Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika (CRRTs) u r-rieda tiegħu li jaġixxi fuq talba bħala kapaċità għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-UE, b'appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u li jipprovdi assistenza lis-sħab tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċità tas-CRRTs tal-PESCO, l-iskwadri nazzjonali ta' rispons ċibernetiku, u, fejn xieraq, il-kapaċitajiet addizzjonali ta' rispons għal inċidenti bħat-Timijiet futuri ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu kif previsti fil-Boxxla Strateġika, inkluż billi jitrawmu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE.

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea, 23 ta' Mejju 2022, 9364/22.

12. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-proġett PESCO rigward Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Infommazzjoni (CIDCC), li għandu l-għan li jipprovdi kapaċità militari biex tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni rilevanti għal stampa ċibernetika operazzjonali komuni. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-proposta biex il-prova tal-kunċett, jekk tirnexxi bħala ċentru ta' koordinazzjoni tal-infommazzjoni, tiġi integrata, mill-2025 'il quddiem, f'Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża (EUCDCC), u b'hekk jissaħħu l-koordinazzjoni u l-għarfien tas-sitwazzjoni b'mod partikolari tal-kmandanti tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE, kif ukoll tissaħħa l-arkitettura usa' ta' Kmand u Kontroll tal-UE. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżenta kunċett u pjan direzzjonali għall-istabbiliment tal-EUCDCC, filwaqt li jislet tagħlimiet minn entitajiet internazzjonali simili, jidentifika r-riżorsi meħtieġa, jevita duplikazzjoni bla bżonn u jfittex komplementarjetà mal-qafas usa' taċ-ċibersigurtà tal-UE.
13. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni strateġika fl-intelligence dwar it-theddid u l-attivitajiet ċibernetiċi, u jistieden lill-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, ikomplu jikkontribwixxu għall-ħidma tal-INTCEN tal-UE, tad-Direttorat tal-Intelligence tal-EUMS u tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC). Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet tagħna ta' intelligence ċibernetika biex insaħħu r-reżiljenza ċibernetika tagħna, ir-risponsi u nipprovdu appoġġ effettiv lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna tal-PSDK, kif ukoll il-forzi armati tagħna u l-kapaċità tas-SIAC fil-qasam ċibernetiku, abbażi ta' kontributi volontarji ta' intelligence mill-Istati Membri u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom.

14. Il-Kunsill jieħu nota taċ-ċentru tal-Kummissjoni Ewropea tas-sitwazzjoni u l-analiżi ċibernetiċi li għandu l-għan li jsaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn dan iċ-ċentru u EUIBAs oħra, b'mod partikolari l-ENISA u s-CERT-UE. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib man-networks ta' kooperazzjoni tal-UE fl-iżvilupp tal-għarfien tas-sitwazzjoni, kif ukoll ir-rispett tal-kunfidenzjalità. Il-Kunsill jinnota l-ħtieġa għat-tisħiħ tal-għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE u l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi.
15. Il-Kunsill ifakkar li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji fil-qasam taċ-ċibersigurtà huma essenzjali biex jiġu żgurati t-tħejjija u l-effettività u jilqa' l-attivitajiet nazzjonali kif ukoll dawk provduti mill-UE permezz tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), l-EDA, l-ENISA u l-proġetti li għaddejjin tal-PESCO, bħall-Federazzjonijiet ta' Ambjenti ta' Taħriġ Ċibernetiku u Hub tal-UE għall-Akkademja u l-Innovazzjoni fiċ-Ċibernetika (CAIH). Bil-ħsieb li jissaħħu aktar dawn l-isforzi, il-Kunsill jistenna b'interess l-istabbiliment tal-proġett qafas tal-EDA CyDef-X biex jiġu sinkronizzati u appoġġati l-eżerċizzji taċ-ċiberdifiża. Il-Kunsill ihegġegħ lill-EDA tesplora, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-SEAE, kif is-CyDef-X jista' jappoġġa aktar eżerċizzji bħal CYBER PHALANX, inkluż dwar l-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 42(7) TUE u l-klawżola ta' solidarjetà skont l-Artikolu 222 TFUE, kif ukoll mal-Kummissjoni u l-ENISA fir-rigward tal-eżerċizzji ċivili. Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ l-użu u l-iżvilupp ulterjuri fi ħdan is-CyDef-X ta' ambjenti eżistenti tal-ittestjar u l-eżerċizzji taċ-ċiberdifiża, bħall-Federazzjonijiet ta' Ambjenti ta' Taħriġ Ċibernetiku. Biex jiġi żgurat proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet aġli u effiċjenti fi kwistjoni ta' kriżi ċibernetika, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu organizzati eżerċizzji regolari ta' simulazzjoni għal-livell tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istati Membri.

16. Il-Kunsill jinnota l-proposta għal Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika u l-intenzjoni li jissaħħu l-mezzi ta' identifikazzjoni u ta' rispons għat-theddid u l-inċidenti ta' ċibersigurtà fl-UE. Il-Kunsill jissottolinja li l-proposti f'dan il-qasam jistgħu jkunu effettivi biss jekk jiġu allinjati mal-oqfsa u l-ħtiġijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-Istati Membri. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li, bħala kompetenza nazzjonali, fejn jitqies li dan ikun ta' benefiċċju, l-infrastruttura kritika tiġi ttestjata għal vulnerabbiltajiet potenzjali, b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-UE disponibbli.
17. Il-Kunsill jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika, li jista' jappoġġa d-disponibbiltà ta' servizzi ta' ċibersigurtà minn fornituri privati fdati li f'każ ta' inċidenti ta' ċibersigurtà fuq skala kbira, fuq talba, ikunu jistgħu jassistu lill-Istati Membri, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ industrija Ewropea ta' ċibersigurtà bl-appoġġ tal-ECCC bħala pilastru essenzjali biex dan il-mekkaniżmu jkun operazzjonali. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ewlieni li kull Stat Membru għandu fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet nazzjonali tiegħu.

II. Nassiguraw l-ekosistema tad-difiża tal-UE

18. Il-Kunsill ifakkar fl-inkoraġġiment tiegħu lill-Istati Membri biex jiżviluppaw aktar il-mezzi tagħhom stess biex iwettqu operazzjonijiet ta' ċiberdifiża, inkluż, meta jkun il-każ, miżuri difensivi proattivi ta' protezzjoni, identifikazzjoni, difiża u skoraġġiment ta' attakki ċibernetiċi. Filwaqt li jqis li d-Direttiva NIS2 ma tapplikax għall-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tad-difiża, il-Kunsill jistieden lill-EDA, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tas-SEAE skont il-każ, tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet volontarji mhux legalment vinkolanti ispirati mid-Direttiva NIS2 biex tiżdied iċ-ċibersigurtà fil-komunità tad-difiża, u jistieden lill-Istati Membri kollha jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dan l-isforz. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu konxji ta' sforzi simili mwettqa f'oqfsa oħra.

19. Kif rikonoxxut fil-Boxxla Strateġika, il-kapaċità tal-UE li taġixxi tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha fir-rigward tal-mezzi ta' ċiberdifiża u fil-ktajjen tal-provvista tagħha u fuq l-iżvilupp u l-użu tajjeb ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati fil-qasam taċ-ċiberdifiża. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-UE, u l-kapaċità tagħha li tikkoopera fuq bażi reċiproka ma' sħab tal-istess fehma minn madwar id-dinja biex jiġu żgurati benefiċċji reċiproċi. Il-Kunsill għalhekk jappella biex l-industriji taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża jikkooperaw mill-qrib biex joħolqu sinerġiji bil-għan li jiġu żviluppati u pprovduti mezz ta' ċiberdifiża fuq spettru sħiħ. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ECCC fejn ikun il-każ, tkompli tappoġġa l-iżvilupp ta' bażi industrijali u teknoloġika Ewropea taċ-ċiberdifiża b'saħħitha, aġli, kompetittiva fuq livell globali u innovattiva, inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz ta' investimenti ulterjuri u azzjonijiet ta' politika.
20. Meta wieħed iqis l-importanza tal-interoperabbiltà u l-aspett komuni tal-mezzi ta' ċiberdifiża, inkluż fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp kollaborattiv tal-mezzi ta' ċiberdifiża tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-Kunsill jistieden lill-EDA u lill-Persunal Militari tal-UE, jaħdmu fuq sett ta' rekwiżiti ta' interoperabbiltà tal-UE fil-qasam taċ-ċiberdifiża li jibnu fuq, u li jkunu kompatibbli mal-prinċipji, il-proċessi u l-istandards eżistenti stabbiliti b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO). Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jesploraw fil-qafas tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fil-Qasam tad-Difiża jekk jistgħux ikunu meħtieġa standards volontarji speċifiċi għas-sistemi ta' difiża, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u n-NATO, skont il-każ.

21. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippreżenta pjan għall-promozzjoni tal-użu tal-istandards eżistenti għaċ-ċibersigurtà ċivili u l-użi taċ-ċiberdifiża, kif ukoll l-iżvilupp ta' standards volontarji ġodda. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-istandards taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża jiġu allinjati, fejn ikun il-każ. Il-Kunsill jirrikonoxxi li tali standards volontarji jistgħu jkunu utli għall-industriji taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża tal-UE u jħeġġeġ kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni ċivili u tad-difiża.
22. Il-Kunsill jappella biex jiġu żviluppati malajr rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-immappjar tal-għodod eżistenti għal komunikazzjoni sigura fil-qasam ċibernetiku, imwettqa mill-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet rilevanti. Fejn possibbli, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu allinjati mal-inizjattivi eżistenti dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għandhom iqisu wkoll ir-riskji ppreżentati minn teknoloġiji emerġenti u fiġkiela għall-metodi ta' kriptaġġ attwali.
23. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma inizjali mwettqa fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji li qed jiġu żviluppati mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS fir-rigward, inizjalment, tas-setturi tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni, fuq it-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill jirrikonoxxi li qed jitħejjew ukoll valutazzjonijiet tar-riskju taċ-ċibersigurtà mmirati lejn l-infrastruttura u n-networks tal-komunikazzjoni fl-UE. Il-Kunsill itenni li huwa importanti immens li jkun hemm intendiment komuni tal-impatti possibbli ta' inċidenti ċibernetiċi bejn l-Istati Membri iżda anki bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Għaldaqstant, il-Kunsill jistieden lill-atturi msemija hawn fuq iqisu, meta jkunu qed jiddefinixxu u jipprijoritizzaw il-miżuri u l-appoġġ, l-evalwazzjonijiet tar-riskju, ix-xenarji u r-rakkomandazzjonijiet sussegwenti, fil-livell tal-UE u, fejn adatt, fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella biex kemm fil-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju kif ukoll fl-iżvilupp ta' eżerċizzji ċibernetiċi, l-atturi rilevanti kollha jqisu x-xenarji ta' riskju.

III. **Ninvestu fil-mezzi ta' ċiberdifiża**

24. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri jżidu l-investimenti tagħhom biex jibnu, iżommu u jiżviluppaw aktar il-mezzi ta' ċiberdifiża interoperabbli. Il-Kunsill jappoġġa l-iżvilupp ta' sett ta' impenji volontarji għall-iżvilupp ulterjuri tal-mezzi nazzjonali ta' ċiberdifiża, b'kunsiderazzjoni għal sforzi simili mwettqa f'oqfsa oħra.
25. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri u lill-EDA biex jużaw l-opportunità tar-reviżjoni tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet biex jistabbilixxu livell għoli ta' ambizzjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' ċiberdifiża kollaborattiva fil-livell tal-UE. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Istati Membri jibnu fuq is-sett aġġornat ta' prioritajiet u fuq l-impenji tal-PESCO tagħhom li jżidu l-livell ta' involviment tagħhom fi proġetti kollaborattivi tal-UE għall-iżvilupp tal-mezzi ta' ċiberdifiża, b'rikonoxximent tal-benefiċċju dirett ta' proġetti kollaborattivi fil-livell tal-UE biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' mezzi nazzjonali ta' ċiberdifiża.

26. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi kollaborattivi ta' riċerka fil-livell tal-UE biex jiġu esplorati l-applikazzjonijiet possibbli f' sistemi relatati mad-difiża ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela, filwaqt li jinnota wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li dawk l-iżviluppi teknoloġiċi jiġu inkorporati malajr fil-mezzi eżistenti u f'dawk tal-ġejjieni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-industrija tal-UE jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' riċerka kollaborattiva fil-livell tal-UE, pereżempju fil-qafas tal-EDA, il-proġetti PESCO li għaddejjin bħalissa, bħall-Hub tal-UE għall-Akkademja u l-Innovazzjoni fiċ-Ċibernetika (CAIH), il-Fond Ewropew għad-Difiża u, fejn rilevanti, Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali għal proġetti b'użu doppju. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-attenzjoni lill-oqfsa ddedikati biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża bl-użu ta' spin-ins mill-qasam ċivili, b'mod partikolari l-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża u ċ-Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża Ewropea. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) u lill-EDA jiżviluppaw arranġament ta' ħidma biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost il-persunal rispettiv fir-rigward tal-prijoritajiet ċivili, tal-użu doppju u tat-teknoloġija tad-difiża rispettivament, bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni.
27. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni li l-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali teknoloġiku għat-teknoloġiji ċibernetiċi kritiċi, f'kooperazzjoni mal-EDA u mal-ECCC, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, u mal-Istati Membri, u f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-industrija, li permezz tal-identifikazzjoni tat-teknoloġiji ċibernetiċi kritiċi, l-immappjar tal-iżviluppi teknoloġiċi u d-dipendenzi strateġiċi, jipprovdi modi biex dawn jitnaqqsu, b'appoġġ għall-awtonomija strateġika u s-sovranià teknoloġika tal-UE, filwaqt li tiġi ppreżervata ekonomija miftuħa. Il-Kunsill jinnota li l-pjan direzzjonali tat-teknoloġija għal teknoloġiji ċibernetiċi kritiċi jista' jinforma prijoritajiet strateġiċi għall-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, filwaqt li jkun konformi mal-modalitajiet rispettivi fis-seħħ għal dawn. Il-Kunsill ifakkar li l-UE għandha ssegwi politika industrijali Ewropea ambizzjuża u assertiva biex toħloq ambjent tan-negozju sostenibbli, attraenti u kompetittiv, li jista' jippermetti wkoll lill-entitajiet Ewropej fil-qasam ċibernetiku biex jespandu.

28. Il-Kunsill japprezza l-intenzjoni li tiġi indirizzata l-lakuna sinifikanti fil-ħiliet taċ-ċibersigurtà billi jiġu attirati professjonisti ġodda, inkluż nisa, permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u l-investiment fit-taħriġ u l-eżerċizzji u l-organizzazzjoni tagħhom biex tinbena forza tax-xogħol ċibernetika varjata u inklużiva. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isfidi li l-UE qed tiffaċċa fir-rigward tal-kapital uman fiċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża, il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva tal-Akkademja għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà, li tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għall-forza tax-xogħol fil-qasam taċ-ċiberdifiża.
29. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar l-aħjar prattiki biex jiġu żviluppati professjonisti taċ-ċibersigurtà b'ħiliet, filwaqt li jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji bejn l-inizjattivi militari, ċivili u tal-infurzar tal-liġi u jappella lill-KESD biex, bl-appoġġ u l-għarfien espert tal-EDA u l-ENISA, iqis il-possibbiltajiet għat-titjib tal-iskambju tal-aħjar prattiki u sinerġiji ulterjuri bejn l-oqsma militari u ċivili rigward it-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet ta' difiża speċifiċi għaċ-ċibernetika.
30. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' intendiment komuni dwar il-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol taċ-ċibersigurtà u tal-ħiliet assoċjati sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-lakuni fis-suq tax-xogħol taċ-ċibersigurtà, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-Istati Membri u l-industrija. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-istabbiliment ta' indikaturi għall-monitoraġġ tas-suq tax-xogħol taċ-ċibersigurtà jgħin biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà u biex il-fondi jiġu diretti b'mod adegwat, filwaqt li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-obbligi relatati mal-politika, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mid-Direttiva NIS2. Il-Kunsill jilqa' l-proposta għal qafas ta' ċertifikazzjoni tal-ħiliet fil-qasam taċ-ċiberdifiża u jistieden lill-Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tiegħu bħala Kap tal-KESD, jiżviluppa dan il-qafas, f'kooperazzjoni mas-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, billi tingħata attenzjoni lill-inizjattivi ċivili.

IV. Inkunu sħab biex nindirizzaw sfidi komuni

31. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu u javvanzaw il-kooperazzjoni tagħha u jesploraw sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u mfassla apposta dwar il-politiki taċ-ċiberdifiża, inkluż dwar it-tisħiħ tal-kapaċità taċ-ċiberdifiża permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF). Għal dan il-għan, id-difiża ċibernetika għandha tizzied bħala punt fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet tal-UE dwar iċ-ċibernetika, fil-konsultazzjonijiet ġenerali dwar is-sigurtà u d-difiża mas-sħab. Barra minn hekk, id-djalogi u l-kollaborazzjoni mas-settur privat għandhom jissaħħu. Il-Kunsill jissottolinja li l-kollaborazzjoni internazzjonali dwar standards u ċertifikazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà tkun valur miżjud għall-industrija Ewropea. Għaldaqstant, jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li żżommha bħala parti essenzjali mid-djalogi tal-UE dwar iċ-ċibernetika ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.
32. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji ta' konflitt fiċ-ċiberspazju, speċjalment permezz tal-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni ulterjuri ta' miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja (CBMs) fil-livell reġjonali u dak internazzjonali, inkluż fin-NU, u t-tħeġġiġ ulterjuri tal-użu ta' CBMs ċibernetiċi eżistenti bħal fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), inkluż fi żminijiet ta' tensjonijiet internazzjonali.
- L-UE u l-Istati Membri tagħha jenfasizzaw li d-dritt internazzjonali eżistenti japplika fiċ-ċiberspazju u jenfasizzaw l-importanza ta' sforzi kontinwi biex jiġi rispettat u promoss il-Qafas tan-NU għal imġiba responsabbli tal-istati u biex issir ħidma lejn l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż permezz tal-istabbiliment tal-Programm ta' Azzjoni għall-avvanz ta' mġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju.

33. F'konformità mad-Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, anki fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tal-EDA, u lill-Kummissjoni, isaħħu, japprofondixxu u jespandu ulterjorment is-sħubija man-NATO fil-qasam ċibernetiku b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità, ftuħ reċiproku u trasparenza, kif ukoll l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet. Filwaqt li jieħu kont tal-hteġa li jiġu żgurati sforzi komplementari u kkoordinati bl-aktar involviment sħiħ possibbli tal-Istati Membri li mhumieix parti min-NATO u li jiġu evitati duplikazzjonijiet mhux meħtieġa, il-Kunsill jappella biex jiġu stabbiliti rabtiet fil-livelli rilevanti bejn l-UE u n-NATO dwar it-taħriġ, l-edukazzjoni, l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-eżerċizzji u l-pjattaformi tar-R&Ż, u biex jintfittxu sinerġiji potenzjali bejn l-impenji volontarji rispettivi għall-iżvilupp tal-mezzi ta' ċiberdifiża nazzjonali u l-oqfsa ta' maniġġar ta' kriżijiet, il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika, u t-titjib ta' skambji ta' għarfien tas-sitwazzjoni, risponsi koordinati għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi kif ukoll sforzi għat-tisħiħ tal-kapaċità f'pajjiżi terzi. Dan jinkludi l-Arranġament Tekniku bejn il-Kapaċità tan-NATO ta' Rispons għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters (NCIRC) u l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters - UE (CERT-UE) kif ukoll djalogu politiku msaħħaħ dwar kwistjonijiet ta' ċiberdifiża f'kull livell.

V. **Konklużjoni**

34. Bi tkomplija fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex sat-tieni kwart tal-2023 jiżviluppaw pjan ta' implimentazzjoni għal din il-Politika għall-approvazzjoni mill-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Istati Membri jiddikjaraw, b'mod volontarju, l-ambizzjoni u l-azzjonijiet tagħhom fir-rigward taċ-ċiberdifiża fil-kuntest tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża u jagħmlu użu sħiħ mir-rakkomandazzjonijiet u l-impenji volontarji mhux legalment vinkolanti biex iżidu l-isforzi nazzjonali u multinazzjonali tagħhom fil-qasam taċ-ċiberdifiża bl-għan li jimmassimizzaw l-impatt fil-livell tal-UE. Mit-tieni kwart tal-2024, ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna jirrapportaw u jiddiskutu kull sena l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-elementi tal-Komunikazzjoni Konġunta u l-pjan ta' implimentazzjoni tagħha.
-